MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Numru 223/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**
v

**ABDEL RAOUF HASSAN ALI MOHAMED**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ABDEL RAOUF HASSAN ALI MOHAMED** ta' sebgha w ghoxrin sena, bin Ali u Fatima, imwieled t-Tunesia nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Gunju 1982 u residenti Entratura A, Flat 1, Bini tal-Gvern, Triq il-Qasab, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita` numru 49044A gie mressaq quddiemha akkuzat:-

1. Talli fis-sitta ta’ Marzu 2010 bejn il-hamsa ta’ filghaxija w id-disgha ta’ bil-lejl, gewwa Putirjal fil-Floriana u fil-Belt Valletta, b’diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew

maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ngurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS 372 Jurgen Vella, PC 142 Robert Borda, PC 1098 Anthony Scerri, PC 265 Kenneth Ciangura, PC 869 Kurt Gauci, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu ghamlu, jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess dat, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 372 Jurgen Vella, PC 142 Robert Borda, PC 1098 Anthony Scerri, PC 265 Kenneth Ciangura, PC 869 Kurt Gauci, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-Awtorità kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' hsara volontarja fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GVP 585 u cioe' proprjeta pubblika, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu u dan bi ksur tal-artikoli 41 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' PS 372 Jurgen Vella, PC 142 Robert Borda, PC 1098 Anthony Scerri, PC 265 Kenneth Ciangura, PC 869 Kurt Gauci, weggghajthom bi kliem, b'gesti jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakkra b’mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu nnifsu u dan bi ksur tal-artikolu 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra l-p-ersuni ta’ PS 372 Jurgen Vella, PC 142 Robert Borda, PC 1098 Anthony Scerri, PC 265 Kenneth Ciangura, PC 869 Kurt Gauci, biex jingurjhom jew idejjaqhom u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provizorja mposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dottor Audrey Demicoli LL.D nhar d-disgha w ghoxrin t’April 2009, b’dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta’ hamest elef euro (€5,000) oltre depozitu ta’ elf euro (€1,000), fost kundizzjonijiet ohra, kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti tal-Magistrati u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Abdel Raouf Hassan Ali Mohamed u tordna l-arrest mill-gdid tieghu, kif ukoll tordna li s-somma ta’ hamest elef euro (€5,000) moghtija bhala garanzija personali kif ukoll s-somma t’elf euro (€1,000) bhala depozitu, jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom Dokument tal-Immigration tal-imputat *‘animo ritirandi’*, l-fedina penali tal-istess imputat, l-okkorrenza relattiva, z-zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-istess imputat, l-kundizzjonijiet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest lil imputat odjern, kif wkoll l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta ta’ llum d-disgha ta’ Marzu 2010, li kien fehem ben tajjeb l-import tal-akkuzi

kif moghtija fil-konfront tieghu mill-Prosekuzzjoni u li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta llum d-disgha ta’ Marzu 2010 stess.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta llum, disgha ta’ Marzu 2010 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta ta’ llum d-disgha ta’ Marzu 2010 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk, rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni.

Semghet lil imputat jiddikjara li huwa ghandu problema t’abbuz minn xorb alkoholiku u lil Ufficjal Prosekutur l-Ispettur James Grech jikkonferma dan.

Il-Qorti rat li dawn huma akkuzi serji hafna fil-konfront ta’ membri tal-Korp tal-Pulizija u jiddistabbilizzaw x-xoghol siewi tal-istess Pulizija Ezekuttiva li qeghda hemmhekk sabiex tipprotegi lis-socjeta ‘n generali, w ghalhekk thoss li ghandha tipprotegi l-forzi tal-istat u tikkundanna dan t-tip t’agir, molto piu meta hija, wara li ezaminat l-fedina penali tal-imputat rat li l-istess imputat kellu diga diversi reati simili w ghaldaqstant thoss li piena karcerarja hija l-piena idoneja f’dan il-kaz.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi t'abbuz mill-alkohol ifiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha, ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti ma thossx li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta, li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu ma kienx wiehed genwin w ghalhekk ma thossx li ghandha tkun daqstant klementi mieghu u li ghandha tuza l-id iebsa taghha sabiex forsi darba ghal dejjem, jitghallem mill-passat tieghu.

Illi pero bir-rakkomandazzjoni li l-Qorti sejra taghti lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-imputat jindirizza l-problema t’abbuz mill-alkohol, l-imputat ikun f’sitwazzjoni ahjar li jiffaccja lis-socjeta.

**Illi ghalhekk l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 41, 95, 96, 252(1), 325, 338(dd), 338(ff), 339(d), 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lill-imputat ABDEL RAOUF HASSAN ALI MOHAMED hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni u kif minnu ammessi u tiddeciedi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sena prigunerija effettiva mill-lum.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tordna l-konfiska tal-garanzija personali moghtija mill-imputat f’kawza ohra li qed tinstemgha quddiem din il-Qorti diversament preseduta, din tibqa’ mpregudikata u tidderigi lill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur James Grech biex jaghmel din it-talba quddiem dik il-Qorti diversament preseduta li qed tisma dan l-kaz.**

**Finalment tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-imputat jinghata kull ghajnuna sabiex jindirizza l-problema li ghandu dwar abbuz mill-alkohol.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------